MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1372/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Anthony Pisani ID 69258M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm544.03c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 2137 4711.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 29 ta’ Lulju, 2004 u mghaxijiet mid-data ta’ l-istess Ittra Ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut Anthony Pisani, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija w erbgha w erbghin lira Maltin u tlett centezmi (Lm544.03c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------